

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Marzu 2016 – Kozak vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-152/15)

*(Servizz Pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/293/14 — Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li l-kandidat ma jiġix ammess għall-eżamijiet fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni — Talba għal eżami mill-ġdid — Deċiżjoni ġdida tal-Bord tal-Għażla li tikkonferma l-ewwel deċiżjoni tiegħu — Komunikazzjoni mill-EPSO ta' risposta motivata — Att purament konfermattiv — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Inammissibbiltà manifesta — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura)*

(2016/C 145/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Małgorzata Kozak (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: J. Łojkowska-Paprocka, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EPSO li r-rikorrenti ma tiġix ammess għall-eżami ta' evalwazzjoni tal-kompetizzjoni EPSO/AD/293/14.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) M. Kozak għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-5/16)

(2016/C 145/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: O. Mader, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma terġax tikklassifika l-kuntratt tar-rikorrent bħala dak ta' membru tal-persunal temporanju jew, alternattivament, kumpens għad-dannu materjali subit.